**Dikkjarazjoni** **4/02/2019**

Bhala Chairperson tal-Kumitat tal-Ambjent u Ippjanar nixtieq naghmel dikjarazzjoni dwar il-laqgha tal-llum.

Nixtieq naghmel din id-dikjarazzjoni sabiex mhux biss naghmel l-affarjiet cari mill-bidu nett izda anka bien inkunu nistghu nirregolaw ruhna matul din il-laqgha.

Nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar saritli talba minn Dr Claire Bonello permezz ta' email sabiex dan il-kumitat jiddiskuti il-progett ta' investiment turistiku ippjanat mill-IHI, jew kif maghrufin ahjar bhala l-Corinthia; nikkwota preciz *'to discuss and inform stakeholders and the public about developments regarding the St. George's peninsula and concession agreements which are being negotiated'*. Dr. Clair Bonello kitbitli ghan-nom ta' numru ta' entitajiet mhux governattivi, Kunsilli Lokali u residenti.

Dan il-kumitat huwa kumitat specjali imwaqqaf permezz ta' ligi (Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp KAP 552 Art.60) fejn ir-*remit* tieghu huwa ben definit ta' x'inhu ir-rwol ta' dan l-istess kumitat u x'inhi l-materja li ghadha tigi diskussa f'dan il-forum.

Il-ligi tieghed hekk;

Kumitati Konsultattivi dwar *Policy*

**Il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp**

*Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.*

**60.** (1) Għandu jkun hemm Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li għandu jkun magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kamra, li minnhom tlieta jkunu membri li jirrappreżentaw lill-Gvern, u li minn fosthom wieħed jinħatar bħala *Chairperson*, u t-tnejn l-oħra jkunu membri li jirrappreżentaw lill-Oppożizzjoni.

(2) Il-Kumitat Permanenti għandu jiddiskuti kull strateġija, pjan jew *policy* riferuti lilu skont l-artikoli 46 u 53 u kull ħaġa oħra riferuta lilu skont l-Att għall-Protezzjoni tal-Ambjent u jipprepara rapport u dan ir-rapport għandu jiġi riferut lill-Kamra tad-Deputati u lill-Ministru.

Dan ir-rapport jista' wkoll jinkludi kull opinjoni li ma taqbilx fuq l-istrateġija, pjan jew *policy*. Il-Ministru għandu jieħu konjizzjoni tar-rapport:

Iżda meta l-imsemmi Kumitat Permanenti jonqos milli jipprepara rapport fil-perjodu stipulat fl-Att, il-Kunsill Eżekuttiv jista' jadotta l-imsemmija strateġija, pjan jew *policy* u l-Ministru jista' wkoll japprova l-imsemmija strateġija, pjan jew *policy* kif mgħoddija lilu mill-Kunsill Eżekuttiv.

Wara li hadt parir mill-amministrazzjoni tal-Parlament, gejt riferut ghal xi rulings.

Fil-fatt, f'zewg rulings li ta l-Ispeaker, jaghmlha cara u inekwivoka ta' x'inhu r-rwol u l-operat mistenni minn dan il-kumitat.

Fir-ruling moghti mill-Ispeaker Anglu Farrugia, Seduta 130, 17/3/14 jghid li *"il-Kumitat irid jahdem bilfors fuq dawk il-poteri li johorgu mill-istess ligi li huma ben definiti"* u wara li jghid x'inhi il-ligi, ikompli jghid hekk *"Dawn huma l-poteri li ghandu dan il-Kumitat. Iktar minn hekk huwa kollox ultra vires"*

Jghid ukoll li *"Kumitat li b'mod car mhuwiex regolat bl-Standing Orders imma huwa regolat b'ligi, bhalma huwa l-Kumita Permanenti dawr l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp, irid bilfors joqghod ghal dak li huwa ben definit mil-ligi."*

Issa sabiex il-Kumitat ikun jista jiddiskuti materja li ma tohrogx mill-ligi l-Ispeaker jghid hekk; *"Jekk issir mozzjoni fil-plenarja fejn ikun hem qbil fil-Kamra li, notwithstanding dak li hemmmiktub fil-ligi, jaghti poteri addizjonali lill-istess Kumitat biex tkompli tigi diskussa l-istess materja. Dak huwa mod kif wiehed jista' jwessa' l-poteri tal-Kumitat."*

Fl-istess ruling l-Ispeaker jaghlaq billi jghid hekk; *"Ghaldaqstant ir-ruling tas-Sedja hu li dan il-Kumitat m'ghandux ikompli u ma jista ikompli bid-diskussjoni dwar dan il-progett ladarba ma johrogx mill-istess ligi li huwa awtorizzat li jaghmel hekk, u aktar u aktar meta id-diskussjoni ser titkompla fil-plenarja"*

Minkejja l-fatt li allura diskussjoni bhal dik tal-llum hija *ultra vires* u ma timxix mal-ligi biex nuza l-kliem tal-Ispeaker, xorta wahda hassejt bhala ic-Chair ta' da nil-Kumitat, li ghandna naccettaw tali diskussjoni.

Naf li dan huwa precedent u li mhux qed nimxu mal-procedura satbbilita mill-ligi. Pero finalment kif dejjem ghamilt, ma niddejjaq xejn li jkun hemm process ta' konsultazzjoni pubblika wiesa, anka sahansitra minn stadju hekk bikri ta' progett propost.